MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2012

Appell Kriminali Numru. 192/2012

**App. Nru. 192 / 2012 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

***Omissis***

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmija *Omissis*, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru *Omissis* talli:

(1) f'Ta'Xbiex u/jew fi bnadi oħra f'Malta, nhar-id 29 ta'Lulju 2010 għall-ħabta tal-22:00, f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku tlajjat jew għamlet biex tħajjar għal skop ta'prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali;

(2) fl-istess data, ħin u lokalitajiet kisret il-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probation mogħti lilha f'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ppreseduta mill-Maġistrat Dr. D. Clarke, datata 27 ta'Mejju 2009 u kkonfermata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta mis-STO Imħallef Vincent DeGaetano datata 21 ta'Jannar 2010;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' April 2012 li permezz tagħha sabet lill-imsemmija *Omissis* ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni u, wara li rat l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 7 (2) tal-Kap 63 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatha għal xahrejn priġunerija. Għar-rigward tat-tieni imputazzjoni, in vista tal-verbal tal-prosekuzzjoni, iddikjarat il-proċediment eżawrit;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' *Omissis* ppreżentat fit-13 ta' April 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaha mill-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellata esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellanti huma s-segwenti:

"Li l-akkuża miġjuba fil-konfront tal-esponenti ma ġietx ippruvata sal-grad rikjest fi proċeduri kriminali u dan stante li l-uniċi provi li tressqu mill-prosekuzjoni ttieħdu bi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-esponenti għal smiegħ xieraq.

"Li l-istess jingħad għall-istqarrija li ttieħdet mill-esponenti fejn la ġiet assistita mill-avukat tal-fiduċja tagħha waqt l-interrogatorju u lanqas jirriżulta li kien hemm preżenti xi rapprezentant tal-awtoritajiet vestiti bil-kura tagħha meta rrilaxxat l-istqarrija.

"Li l-Ewwel Onorabbli Qroti għażlet li tistrieħ fuq ix-xhieda tal-Ispettur Melvyn Camilleri u tas-Surġent P.C. 656

Adrian Lia u fuq l-istqarrija ta' l-esponenti mingħajr aktar konfermi, liema xhieda tal-prosekuzzjoni hija għal kollox ibbażata fuq dak li allegatament qalet lilhom l-esponenti meta ġiet mitkellma minnhom fuq il-post fejn sabu lill-esponenti.

"Li ma jirriżultax mix-xiehda tal-istess li l-esponenti, li dak iż-żmien kienet għadha minorenni, ingħatat twissija li kellha l-għażla li ma tweġibx għall-mistoqsijiet li kienu qed isiru lilha anke f'dak l-istadju, u dan bi vjolazzjoni tad-dritt tagħha li ma tinkriminax ruħha kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.

"Illi għaldaqstant l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tiskarta dik il-parti tax-xiehda tal-prosekuzzjoni li kienet tirreferi, kemm għal dak li ntqal mill-esponenti lill-pulizija meta ġiet mitkellma minnhom fuq il-post, kif ukoll għall-istqarrija rilaxxjata mill-istess esponenti, u konsegwentement kellha tillibera lill-esponenti mill-akkuża dedotta fil-konfront tagħha fuq nuqqas ta' provi sal-grad rikjest mil-liġi fi proċeduri kriminali."

**6.** L-ewwelnett huwa minnu illi wara li l-appellanti ġiet arrestata mill-Pulizija hija ma kellhiex assistenza legali. Dwar dak li ġara meta twaqqfet mill-Pulizija meta kienet il-Gżira u kellmuha, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Francis Grech** mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta' Jannar 2013 fejn intqal:

**"Din il-Qorti hija ben konxja ta' din il-kawza [Mark Lombardi vs l-Avukat Generali deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' April, 2011] u l-konsegwenzi tas-Sentenza taghha. Fil-fatt hu ormai assodat anke mill-att statutorju illi persuna arrestata ghandha dritt illi tkun assistita minn avukat mill-bidu nett ta' l-arrest taghha izda m'ghandiex dan id-dritt waqt l-interrogazzjoni. L-appellant qed jipprova jaghmel l-analogija u jghid illi *ergo* l-affidavit tal-pulizija peress illi jikkontjeni xi twegibiet illi seta' ghamel l-appellant ma kellux quindi jkun accettat minn din il-Qorti la l-**

**appellant ma kienx assistit. Din il-Qorti diga` kellha okkazjoni tippronuncja ruha fuq dan il-punt fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mark Anthony Farrugia" tas-27 ta' Settembru, 2012. F'din il-kawza l-Qorti ghamlitha cara illi d-dritt ta' l-assistenza fil-bidu ta' l-arrest jiskatta meta l-persuna tigi arrestata, meta tigi priva mill-liberta` taghha, dak li huwa komunement maghruf bhala sitwazzjoni ta' "deprivation of liberty". F'dan il-kaz din is-sitwazzjoni ma tavverax ruhha bhal ma lanqas tavvera ruhha f'kwalunkwe okkazjoni meta l-pulizija jwaqqfu lil xi hadd fit-triq minhabba xi kontravenzjoni tat-traffiku li huma jkunu jinnutaw. Alla hares naslu fl-assurd illi kull meta jsir hekk ikun mehtieg illi dik il-persuna tesigi illi jkollha avukat maghha. Ghalhekk meta ma jkunx hemm sitwazzjoni fejn il-persuna tigi priva mill-liberta` taghha dana m'ghandux dritt illi jkollu avukat mieghu waqt li jkun qed ikellem lill-pulizija jew xi awtorita` ohra kompetenti illi tkun waqfitu. Pero` din il-Qorti fuq l-iskorta ta' Sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet "Aleksander Zaichenko vs Russia" tat-18 ta' Frar, 2010 (39660/02) ghamlet *caveat* imporanti u cioe` meta dikjarazzjonijiet tal-persuna jkunu gew imressqa l-Qorti bhala provi kontra tieghu, din il-Qorti ghandha tiehu din id-dikjarazzjoni b'kawtela u cioe` illi tkun sodisfatta li ma jkunux gew lezi xi drittijiet fundamentali tal-persuna jew jezistu xi cirkustanzi li jistghu jilledu b'xi mod dawn id-drittijiet. F'dan il-kaz il-Qorti b'mohha mistrieh tista' toqghod fuq dak l-affidavit tas-surgent 914 Ivan Mifsud bejn 'il ghaliex dan l-affidavit qieghed jixhed fuq dak li effettivament ra b'ghajnejh kif ukoll il ghaliex dak illi qallu l-appellant dak il-hin illi waqfu jaqbel perfettament mar-ricerka illi ghamel is-surgent l-ufficcju."**

**7.** Fil-każ in eżami l-Pulizija sabu lill-appellanti f'Garden Street, Gżira għall-ħabta ta' l-10.00 p.m. P.S. 656 Adrian Lia xehed illi kienu qegħdin jagħmlu *patrol* il-Gżira għal tfajliet u nisa li jkunu hemm għal skopijiet ta' prostituzzjoni. Lill-appellanti kellmuha u saqsewha x'kienet qed tagħmel hemm u għall-ewwel qaltilhom li kienet qed tistenna lil xi ħbieb tagħha biex jimxuha sa tas-Sliema. Meta

ddomandaw din it-tweġiba qalet li kienet hemm għall-prostituzzjoni u li kienet għadha m'għamlitx klijenti. Fittxewlha fil-*handbag* u sabulha *condom* u ghaxar euro. Bħal fil-każ appena ċitat, l-appellanti f'dan l-istadju ma kinitx f'sitwazzjoni ta' deprivazzjoni ta' liberta`. Inoltre r-raġuni tal-preżenza ta' l-appellanti f'Garden Street f'dak il-ħin tal-lejl ġie kkonfermat bil-fatt li kellha *condom* fil-baskett u anke mill-fatt illi ma kienx verosimili illi kellha tiltaqa' ma' ħbieb tagħha proprju fil-post imsemmi biex imorru tas-Sliema meta hi kienet tgħix Bormla u allura kien jagħmel aktar sens semmai illi jiltaqgħu mill-ewwel tas-Sliema. Konsegwentement l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti tirriżulta.

**8.** Dwar il-piena din il-Qorti ordnat li jsir *pre-sentencing investigation report*. Dan ir-rapport ġie redatt mill-uffiċjal tal-*probation* Maryanne Zammit. Meta seħħ dan il-każ l-appellanti kien għad għandha sittax-il sena. Mir-rapport jirriżulta li kellha tfulija instabbli, ġiet abbużata sesswalment, bdiet tuża d-droga u anke spiċċat fil-prostituzzjoni. Ingħatat opportunitajiet biex tirriforma ruħha, issib xogħol u tibda ssegwi programm ta' rijabilitazzjoni inutilment u spiċċat inkarċerata. Skond l-istess rapport, kemm ilha fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin l-appellanti "ħadet it-tagħlima meħtieġa u wriet kambjament pożittiv". Fil-fehma ta' l-uffiċjal tal-*probation* piena karċerarja oħra ma tkunx idoneja u għalhekk issuġġeriet li "jiġu esplorati s-sentenzi bbażati fil-komunita` b'element ta' superviżjoni sabiex tkompli tiġi ndirizzata l-problema ta' droga li l-imputata għandha billi jiġi mħares li l-ikkonċernata żżomm kuntatt regolari ma' l-aġenziji li joffru għajnuna kontra l-vizzju tad-droga fejn tattendi għal sessjonijiet ta' *counselling*. F'dan il-każ nissuġġerixxi wkoll li tiġi annessa kundizzjoni li l-imsemmija tkompli tieħu l-kura medika meħtieġa għaliha, li tieħu għajnuna psikoloġika, kif ukoll issegwi d-direttivi kollha mogħtija lilha mill-uffiċjal tal-*probation*."

**9.** Eżaminati ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u fid-dawl tar-rapport ta' l-uffiċjal tal-*probation* u r-rakkomandazzjonijiet tagħha, din il-Qorti hi tal-fehma illi huwa opportun illi l-appellanti titqiegħed taħt ordni ta' *probation* bil-

kondizzjonijiet meħtieġa sabiex tiġi megħjuna tkompli dak il-progress li hija għamlet fl-aħħar xhur. L-iskop tal-*probation* huwa preċiżament dak li persuni misjuba ħatja ta' xi reat jew reati jingħataw l-għajnuna meħtieġa minn uffiċjal tal-*probation* kif ukoll minn professjonisti oħra, skond il-ħtieġa. Barra minn hekk ikollha l-għajnuna meħtieġa biex iċ-ċaqliqa tagħha mill-inkarċerazzjoni lura għas-soċjeta` tkun tista' ssir bl-inqas xkiel possibbli. L-appellanti ddikjarat li hija lesta toqgħod taħt *probation* bil-kondizzjonijiet li ndikatilha l-Qorti.

**10.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti *Omissis* għal xahrejn priġunerija, u minflok tqiegħdha taħt *probation* a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 għal perijodu ta' tliet snin millum taħt is-sorveljanza ta' uffiċjal tal-*probation* li jiġi nominat/tiġi nominata għal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qiegħed jiġi hawn anness, u liema kondizzjonijiet il-ħatja ddikjarat li hija taċċetta. Tordna li kopja ta' l-ordni ta' *probation* tiġi minnufih komunikata lill-*probationer* u lill-Uffiċjal Principali tal-*Probation*. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. In vista tal-fatt li l-appellanti kienet għadha minorenni meta seħħ dan il-każ, il-Qorti qed tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isimha fuq il-mezzi kollha elettroniċi u fil-*media* kollha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------